*Sena 51 Nru. 338 - April 2018*

# Leħen il-Fgura

*Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali*



## WARA R-RANDAN

Fil-jiem li għaddew, ħafna minna smajna l-eżerċizzi tar-Randan. Il-predikaturi kollha ppruvaw iwasslulna l-Kelma ta' Alla u anke sabiex nifhmuha aħjar isemmu xi stejjer jew eżempji mill-ħajja. Il-Knisja matul ir-Randan ħeġġitna għall-konverżjoni sabiex niġġeddu fil-ħajja tagħna ta' nsara. Hu importanti li nagħrfu li aħna midinbin sabiex ikollna l-vera ndiema ta' dnubietna u nemmnu f'dak li qed tħabbrilna l-Knisja f'dawn il-jiem.

San Ġwann il-Battista hekk stieden lin-nies tal-Palestina ħdejn ix-xmara Ġordan: "Indmu u emmnu fil-bxara t-tajba". Ġesù stess qalilna li min jemmen isalva, u San Pawl jgħidilna li jekk temmen f'qalbek li Ġesù hu l-Mulej ikollok il-ġustifikazzjoni u jekk tistqarr b'fommok li Kristu qam mill-mewt ikollok is-salvazzjoni.

Iż-żmien tar-Randan kien għalina żmien biex inġeddu t-twemmin tagħna fi Kristu Rxoxt sabiex iseħħ għalina l-Pentekoste, li noħorġu u nxandru din il-fidi fil-ħajja ġdida li ġabilna Ġesù bil-qawmien tiegħu mill-mewt għall-ħajja.

Nittama li t-talb tagħna, iċ-ċaħdiet tagħna u l-opri tajba tagħna ma kinux biss minn barra iżda li ħallejniehom ikunu mumenti importanti fil-ħajja tagħna, fejn kbirna fit-trażżin tagħna nfusna, fl-imħabba tagħna lejn il-proxxmu u fl-għaqda aktar intima ma' Ġesù.

Żgur li dan l-Għid il-Kbir għall-ħafna nsara li f'dan ir-Randan irnexxielhom imutu għad-dnub se jħossuhom qed jgħixu għal Alla. Dawn se jindunaw li bdew tassew jgħixu mill-ġdid. Dan hu l-veru tiġdid li ridna nagħmlu f'dan ir-Randan li jsib il-milja tiegħu fl-Għid ta' Kristu.

Din il-ħajja tagħna mġedda fi Kristu fil-Għid tal-Mulej trid tkompli tikber sabiex tibda tfawwar il-ħajja nisranija tagħna sabiex inkunu tassew xhieda ta' Kristu quddiem id-dinja. Dan it-tkabbir tagħna bilfors irid iqajjem l-għatx fina għall-Mulej u għax-xhieda tiegħu quddiem id-dinja.

Dawn it-tip ta' nsara jrid Kristu, u dawn l-insara għandhom bżonn il-Knisja tiegħu. Dawn l-insara għandha bżonn il-parroċċa tagħna.

Filwaqt li nawguralkom ħafna ġid spiritwali nitlob lill-Mulej li qam mill-imwiet jixħet il-barka tiegħu fuqkom ilkoll.

***Rev. P. Raymond Calleja O.Carm. Kappillan***

# Djarju tal-Parroċċa

April 2018

| | April | |
|---|---|---|
| 1 | Il-Ħadd | L-Għid il-Kbir tal-Mulej.<br>Il-quddiesa tad-9:30am tkun animata mill-Kummissjoni Tfal tal-parroċċa |
| 2 - 8 | Mit-Tnejn sal-Ħadd | Ottava tal-Għid u jiem ta' Adorazzjoni.<br>Mill-5:30am sas-6:00am – Espożizzjoni fis-Skiet<br>6:00pm – Espożizzjoni u rużarju meditat<br>6:30pm – Quddiesa<br>Wara l-quddiesa tkompli l-espożizzjoni sat-8:00pm<br>Is-Sibt filgħaxija l-espożizzjoni u r-rużarju jkunu fil-5:00pm |
| 4 | L-Erbgħa | L-ewwel Erbgħa tal-Madonna tal-Karmnu.<br>Matul l-Erbgħat tal-Madonna tal-Karmnu fis-6:30pm ikollna quddiesa bil-prietka fuq il-Madonna, immexxija minn Mons. Ewkarist Sultana. |
| 6 | Il-Ġimgħa | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar.<br>Fl-10:00am fiċ-ċentru pastorali ta' Triq il-Liedna jkun hemm il-quddiesa u l-adorazzjoni. |
| 7 | Is-Sibt | L-ewwel Sibt tax-xahar.<br>Wara l-quddiesa tat-7:45am fiċ-ċentru parrokkjali jkun hemm rużarju meditat u animat immexxi mill-Moviment Madonna ta' Fatima. |
| 8 | Il-Ħadd | It-Tieni Ħadd tal-Għid - Festa tal-Ħniena Divina. |
| 9 | It-Tnejn | Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej (Solennità trasferita). |
| 11 | L-Erbgħa | It-Tieni Erbgħa tal-Madonna tal-Karmnu.<br>Coffee Morning b'risq il-knisja. Tluq fid-8:45am minn quddiem il-knisja. |
| 15 | Il-Ħadd | It-Tielet Ħadd tal-Għid.<br>Illum il-quddiesa tad-9:30am tkun animata mill-Kummissjoni Tfal tal-Parroċċa |
| 18 | L-Erbgħa | It-Tielet Erbgħa tal-Madonna tal-Karmnu. |
| 22 | Il-Ħadd | Ir-Raba' Ħadd tal-Għid. |
| 25 | L-Erbgħa | Ir-Raba' Erbgħa tal-Madonna tal-Karmnu.<br>Coffee Morning b'risq il-knisja. Tluq fid-8:45am minn quddiem il-knisja. |
| 29 | Il-Ħadd | Il-Ħames Ħadd tal-Għid. |

## MILL-ĦAJJA tal-Parroċċa



***Daħlu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija***

Julian Camilleri, Keyan Ciantar Zammit, Carla Galea Brincat, Skylar Saliba, Gabrijel Tanti, Tanya Vintesse Turner.

***Għaddew għall-Ħajja Eterna***

Grace Darmanin (72), Anthony Camilleri Fenech (73), Salvina Falzon (61), Carmelo Grima (78), Maria Briffa (93).

## Festa tal-Ħniena Divina

**Fil-knisja parrokjali tal-Fgura**

Il-Ħadd 8 ta' April 2015
Fil-5:15pm – Talba tal-Għasar u adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

Fis-6:30pm – Quddiesa bl-Omelija immexxija mis-Saċerdot Novell P. Kurt Mizzi O. Carm.

Fis-7:15pm – Purċissjoni bis-Sagrament li tgħaddi minn Triq Hompesch, Triq is-Sur, Triq il-Kampanella, Triq il-Karmelitani, Triq Hompesch, lura għall-knisja fejn tingħata l-barka sagramentali.



# Bazaar

**b'risq il-parroċċa**

**Mis-Sibt 28 ta' April 2018**
**sal-Ħadd 13 ta' Mejju 2018**

Fis-Sala San Ġorġ Preca
(il-knisja l-qadima)
fi Triq il-Karmelitani

**mit-8:30am sa-12:00pm**
**u mill-4:30pm sas-7:30pm**

## ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

It-Tnejn, il-Ħamis u s-Sibt mit-8.30am sal-10.00am
L-Erbgħa u l-Ħamis mill-4.30pm sas-6.00pm
Tel: 21802992 Email: carmfgu@onvol.net jew parrocca.fgura@maltadiocese.org




**Michael Cutajar**
*FUNERAL UNDERTAKER*
**E-mail:** michael.cutajar@bell.net.mt

69, St. Helen Str, Cospicua
'RUSTICA' 170, Liedna Str, Fgura

**Tel:** 2182 6277, 21896171
**Mob:** 9949 2001, 7982 6277
9942 3440, 9942 4599

# TBERIK TAL-FAMILJI

**April 2018**



| | |
|---|---|
| It-Tnejn 2 ta' April | – Triq Antonio u Maria Cumbo u Triq ir-Ruzell. |
| It-Tlieta 3 ta' April | – Triq il-Buqexrem. |
| Il-Ħamis 5 ta' April | – Triq l-14 ta' Diċembru. |
| Il-Ġimgħa 6 ta' April | – Triq Ward ix-Xemx. |
| L-Erbgħa 11 ta' April | – Triq San Elija u Triq Grawwa. |
| Il-Ġimgħa 13 ta' April | – Triq Ġorġ Stevens. |
| It-Tnejn 16 ta' April | – Triq Żabbar u Sqaq Irjallu. |
| It-Tlieta 17 ta' April | – Triq Hompesch (numri bil-fard). |
| L-Erbgħa 18 ta' April | – Triq Hompesch (numri biż-żewġ). |
| Il-Ħamis 19 ta' April | – Triq l-Iskola. |
| Il-Ġimgħa 20 ta' April | – Triq il-Kitba u Triq it-Tagħlim. |
| It-Tnejn 23 ta' April | – Triq il-Liedna (naħa numri bil-fard). |
| It-Tlieta 24 ta' April | – Triq il-Liedna (naħa numri biż-żewġ). |
| L-Erbgħa 25 ta' April | – Triq San Ġwann. |
| Il-Ħamis 26 ta' April | – Triq Mahatma Gandhi. |
| Il-Ġimgħa 27 ta' April | – Triq Kent (il-kbira) u Triq is-26 ta' Marzu. |
| It-Tnejn 30 ta' April | – Triq l-Għollieq. |

**Mejju 2018**

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis 3 ta' Mejju | – Triq Mater Boni Consigli (iż-żgħira sa wara l-B4 Textiles). |
| Il-Ġimgħa 4 ta' Mejju | – Triq Mater Boni Consigli (it-twila). |
| L-Erbgħa 9 ta' Mejju | – Triq is-Summiena u Triq l-Għasfur tal-Bejt |
| Il-Ġimgħa 11 ta' Mejju | – Triq il-Pitirross u Triq il-Ġojjin |
| It-Tnejn 14 ta' Mejju | – Triq Blondell |
| It-Tlieta 15 ta' Mejju | – Triq il-Ġeranju u Triq il-Qronfol |
| L-Erbgħa 16 ta' Mejju | – Wesgħa Reggie Miller u Triq Anġlu u Marianna Camillieri |
| Il-Ħamis 17 ta' Mejju | – Triq il-Kampanella (naħa numri bil-fard) |
| Il-Ġimgħa 18 ta' Mejju | – Triq il-Kampanella (naħa numri biż-żewġ) |
| It-Tnejn 21 ta' Mejju | – Triq Sant'Antnin (naħa numri biż-żewġ) |
| It-Tlieta 22 ta' Mejju | – Triq Sant'Antnin (naħa numri bil-fard) |
| L-Erbgħa 23 ta' Mejju | – Triq il-Bieb u Triq il-Foss |
| Il-Ħamis 24 ta' Mejju | – Triq il-Karmnu (naħa numri bil-fard) u Triq in-Niġem u Triq il-Parroċċa |
| Il-Ġimgħa 25 ta' Mejju | – Triq il-Karmnu (naħa numri biż-żewġ) |
| It-Tnejn 28 ta' Mejju | – Triq San Ġorġ Preca, Triq Martin Luther King u Triq is-Sejba Punika |
| It-Tlieta 29 ta' Mejju | – Pjazza Redent Gauci, Triq Emilio Camilleri, Triq Giacomo Mateotti u Triq Pace u Grasso. |
| Il-Ħamis 31 ta' Mejju | – Triq il-Ġiżi. |

It-Tberik ikompli f'Ġunju